MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2903/2002

***John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'***
***Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi***
***u l-istess Alfred Zammit***

***vs***

***Carmelo Gerada***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine et. s-somma ta' erba' mija u tmintax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm418.10) rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-6 ta' Frar 2002 fi Triq il-Mithna, Qormi bejn vettura numru ta' registrazzjoni DGL 101 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' ta' Dorianne Gerada u vettura numru ta' registrazzjoni

BAB 925 misjuqa minn Marika Zammit u proprjeta’ ta’ l-attur Alfred Zammit, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident stradali gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Neville Camilleri, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ d-Dokumenti JL1, konsistenti f’prospett tad-danni u Dokument JL2, JL3A, JL3B,JL3C, JL4A, JL4B, JL4C, JL4D, JL5 u JL6 konsistenti *f’survey report* u ricevuti tal-hsarat.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ erba’ mija u tmintax-il lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm418.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata konteswtalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------